**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **527/2024**

**DANIEL VELLA (KI 62182M) U**
**DAWN MARIE VELLA (KI 53428A)**

**vs**

**KLEAVEN PORTELLI (KI 324396M)**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, erbatax (14) ta’ Ġunju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti għas-somma ta’ tmienja u tletin elf Ewro (€38,000), flimkien mal-imgħax, rappreżentanti flejjes imħallsa lilu għal irmaġġ għal opra tal-baħar, liema talba saret permezz ta’ rikors tar-rikorrenti Vella preżentat fl-għaxra (10) ta’ Mejju 2024 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar l-għaxra (10) ta' Mejju 2024, **<u>Daniel Vella u Dawn Marie Vella</u>** ippremettew:

   a. *Illi l-intimat Kleaven Portelli irreklama irmiġġ għall-opra tal-baħar fuq is-sit tal-Facebook;*

   b. *Illi l-intimat u r-rikorrent Daniel Vella iltaqgħu f'Lulju tas-sena 2021 ġewwa Sliema sabiex l-intimat jindika liema kien l-irmiġġ illi huwa jirreklama;*

   c. *Illi dan l-irmiġġ rriżulta li ma kienx adattat għal-opra tal-baħar tar-rikorrenti iżda fl-istess jum l-intimat għarraf lir-rikorrent Daniel Vella li huwa għandu irmiġġi oħrajn, wieħed Manoel Island u l-ieħor il-Pieta';*

   d. *Illi l-irmiġġ li l-intimat wera lir-rikorrent ġewwa l-Pieta' kien ta' daqs tajjeb għall-opra tal-baħar tar-rikorrenti u kien għalhekk illi huma waslu fi ftehim għall-prezz ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000);*

   e. *Illi l-intimat wiegħed lir-rikorrenti li jittrasferixxi dan l-irmiġġ versu l-ħlas fis-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000) liema somma ġiet imħallsa mir-rikorrenti;*

   f. *Illi din is-somma ġiet imħallsa premezz tas-segwenti pagamenti:-*

      i. *Is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) fit-8 ta' Lulju 2021 – dok 'A' anness;*

      ii. *Is-somma ta' disgħa u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€29,500) f'Lulju tas-sena 2021 – dok 'B' anness;*

      iii. *Is-somma ta' tmint elef Ewro (€8,000) fi flus kontanti fl-10 t'Awwissu 2021;*

g. *Illi sussegwentement irriżulta illi ab initio dan it-trasferiment ma seta qatt isir u dana billi r-rikorrenti ġew (sussegwentement għall-ħlas) a konjizzjoni tal-fatt illi dan it-trasferiment mhux biss qatt ma seta jsir da parti tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, iżda wkoll li l-irmiġġ kien reġistrat fuq isem terza persuna;*

h. *Illi l-intimat aġixxa b'mod qarrieqi sabiex jakkwista flejjes minn fuq dahar ir-rikorrenti u infatti, minħabba dan l-allegat trasferiment u fuq wiegħdiet ta' trasferimenti oħra ta' irmiġġi lil terzi, il-Pulizija Eżekuttiva ħarġu akkużi serja ta' frodi kontra l-intimat, liema proċeduri għadhom pendenti quddiem l-Onor. Maġistrat Dottor Gabriella Vella LL.D;*

i. *Illi r-rikorrenti daħlu għal ftehim ta' trasferiment b'riħet il-qerq tal-istess intimat, li mhux biss ma wettaqx dak imwiegħed minnu iżda oppure ma seta qatt iwettqu;*

j. *Illi minkejja li l-intimat ġie interpellat bosta drabi sabiex jirrifondi lill-esponenti s-somma fuq riferenzjata li huwa tħallas mill-espoenti, flimkien mal-imgħax mid-data ta' meta l-flejjes ġew lilu mgħoddija, huwa baqa' inadempjenti;*

k. *Illi sabiex jiġi kkawtelat l-imsemmi kreditu, is-soċjeta' rikorrenti* (sic) *intavolaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 268/2024 fl-ismijiet hawn fuq premessi;*

l. *Illi l-imsemmi ammont ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u għalhekk, fil-fehma tar-rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;*

m. *Illi fl-umli fehma tar-rikorrenti, l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

n. *Illi ma' dan ir-rikors qiegħed jiġi anness ukoll affidavit tar-rikorrent Daniel Vella markat bħala document 'C';*

o. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti għas-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000) flimkien mal-imgħax rappreżentanti flejjes imħallsa lilu kif hawn fuq spjegat;*

iii. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000) flimkien mal-imgħax kif hawn fuq spjegat u għar-raġunijiet fuq elucidati;*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru intavolat kontra l-intimat, u bl-imgħaxijiet kontra l-istess intimat.*

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta' Daniel Vella u Dawn Marie Vella datat għaxra (10) ta' Mejju 2024, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) *statement* ta' Revolut immarkat **Dok A** a fol 5 tal-proċess; (b) *statement* ta' kont tal-HSBC immarkat **Dok B** a fol 6 tal-proċess; u (c) affidavit tar-rikorrent Daniel Vella immarkat **Dok C** a fol 7-8 tal-proċess;

5. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sittax (16) ta' Mejju 2024 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tlieta, l-erbgħa (4) ta' Ġunju 2024, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb

għat-talba tal-atturi, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi;

6. Rat illi l-intimat ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta’ Mejju 2024;

7. Rat illi, waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta’ Ġunju 2024, il-konvenut, debitament notifikat, imsejjaħ diversi drabi baqa’ ma deherx;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Daniel Vella** waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta’ Ġunju 2024[1];

9. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

11. Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ġabu prova tal-fatt illi huma għaddew pagamenti fis-somma ta’ ħames mitt Ewro (€500) nhar it-tmienja (8) ta’ Lulju 2021 (**Dok A** a fol 5 tal-proċess), u fis-somma ta’ disgħa u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€29,500) (**Dok B** a fol 6 tal-proċess) lil Kleaven Portelli, filwaqt illi r-rikorrent Daniel Vella kkonferma bil-ġurament tiegħu illi, apparti dawn il-pagamenti ġiet mgħoddija lill-intimat is-somma ta’ tmint elef Ewro (€8,000) fi flus kontanti[2];

12. Din il-Qorti semgħet ukoll lir-rikorrent Daniel Vella jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi la ġie konsenjat lilu l-irmaġġ illi kien ġie mwiegħed mill-konvenut, u lanqas ġew rifużi lilu l-flus illi huwa għadda lill-konvenut[3]. Infatti jixhed, *“Xejn, jiena jiena għadni ma rċevejt xejn mingħandu.”*;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 13 *et seq* tal-proċess
[2] Vide l-affidavit tar-rikorrent Daniel Vella a fol 8 tal-proċess
[3] A fol 14 tal-proċess

13. Finalment, din il-Qorti rat illi l-konvenut, debitament notifikat, la attenda għas-seduta illi fiha ssejjaħ ir-rikors odjern, u lanqas bagħat rappreżentant legali sabiex jassistih, b'dana illi la oppona għat-talbiet rikorrenti u lanqas ta prova illi fil-fehma tal-Qorti setgħet kienet biżżejjed biex juri illi għandu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jġib kontra l-mertu tal-azzjoni;

14. **Għaldaqstant <u>it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata</u> u sejra tintlaqa';**

15. **Konsegwentement <u>sejra tintlaqa' wkoll it-tielet talba</u> tar-rikorrenti;**

16. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

    *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

    *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

17. Huwa evidenti illi l-imgħax fil-każ odjern jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (2) tal-Artikolu 1141 tal-Kap 16;

18. Fin-nuqqas ta' prova illi saret sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna, din il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) għandu jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u cioe mill-għaxra (10) ta' Mejju 2024, sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

19. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante illi ġiet sorvolata;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti għas-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000) flimkien mal-imgħax rappreżentanti flejjes imħallsa lilu;

(iii) **<u>Tilqa</u>'** t-tielet talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000) flimkien mal-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-għaxra (10) ta' Mejju 2024 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 268/2024, a karigu tal-konvenut Kleaven Portelli.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**